Minuti tad-disgħa u erbgħin (49) laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret fis-Sala tal-Kommunita nhar il-Ġimgħa 8 ta' Lulju 2011 fil-5.30pm.

Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Is-Sur Saviour Borg |
| Kunsilliera: | Is-Sur Victor Cefai<br>Is-Sur Horace Micallef<br>Is-Sur Lorry Apap |
| Segretarju Eżekuttiv: | Is-Sur Karl Vella |
| Skużat: | Il-Viċi Sindku, is-Sur Anthony Borg |

## 1. TALBA

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku. Is-Segretarju Eżekuttiv beda l-laqgħa permezz ta' talba.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Viċi Sindku kien nfurmawh li ma setgħax jattendi għal-laqgħa minħabba li kien imsiefer.

## 2. QARI, KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri tal-Kunsill li l-Minuti tal-laqgħa preċedenti kien għadhom mhux lesti.

## 3. QARI TAL-MEMOS, KORRISPONDENZA PRINĊIPALI U ILMENTI / SUĠĠERIMENTI

### 3.1 Memos

3.1.1 Memo 50/2011 – Immaniġjar tal-iskart

3.1.2 Memo 51/2011 – L-ispezzjonijiet tal-MCCAA fuq il-*Playing fields* u r-rinnovazzjoni ta' dawn mill-Kunsilli Lokali

3.1.3 Memo 52/2011 – *European Mobility Weed (Car Free Day 2011)*

3.1.4 Memo 53/2011 – Proċedura li għanda tiġi segwita meta Kunsill/Reġjun jiġi biex jaħtar Segretarju Eżekuttiv mil-lista tal-*Pool* tas-Segretarji Eżekuttivi Prospettivi


MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877 Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

3.1.5 Memo 54/2011 – Lista ta' dawk interessati li jservu bħala Segretarji Eżekuttivi fil-Kunsilli Lokali (Pool ta' Segretarji Eżekuttivi Prospettivi)
3.1.6 Memo 55/2011 – Skema ta' finanzjament għall-Proġetti u Inizjattivi mill-Kumitati Amministrattivi fil-lokalitajiet tagħhom
3.1.7 Memo 56/2011 – Taħriġ mill-MCCAA għal dawk interessati li jkunu responsabbli mill-Playing Fields fil-Kunsilli Lokali
3.1.8 Memo 57/2011 – Regolamenti tal-2011 li jemendaw l-Ewwel, it-Tieni u d-Disa' Skeda li jinsabu mal-Att dwar Kunsilli Lokali u A.L 231 tal-2011 – Regolamenti tal-2011 li jemendaw ir-Raba', l-Għaxar u l-Ħdax-il Skeda mal-Att dwar Kunsilli Lokali.
3.1.9 Memo 58/2011 – Aktar impiegi fil-Kunsilli Lokali għall-persuni b'diżabilita'
3.1.10 Memo 59/2011 – Website www.lc.gov.mt
3.1.11 Memo 60/2011 – Skema egov4u għall-Kunsilli Lokali

## 3.2 Ilmenti

3.2.1 Is-Sindku qal li ġie avviċinat sabiex fejn id-dar 52, Triq l-Isptar San Ġiljan, Fontana titwaħħal grada għas-Sajf. Il-membri tal-Kunsill qablu.
3.2.2 Il-Kunsillier Horace Micallef ressaq ilment f'isem ħuh Simon Micallef, li fi Triq l-Isptar San Ġiljan qiegħed ikun hemm minn qiegħed jitfa' ikel lill-qtates li jkun hemm fit-toroq, b'konsegwenza li qiegħed ikun hemm il-ħmieġ. Il-membri tal-Kunsill qablu li għanda titwaħħal tabella li tindika li ma tistax tgħalef qtates li jkunu fit-triq.

## 3.3 Korrispondenza Prinċipali

3.3.1 Il-Kunsill Lokali tal-Fontana ġie magħżul għal proġett pilota bl-għan tiegħu ikun li jiġu impjegati aktar persuni bi bżonnijiet speċjali mal-Kunsilli Lokali. Ġejna nfurmati li fil-ġranet li ġejjin ser issir laqgħa fejn ser tingħata informazzjoni fuq dak li għandu jiġi kkunsidrat meta wieħed iħaddem persuni bi bżonnijiet speċjali. Il-Kunsill qabel li jistenna din il-laqgħa qabel ma jieħu deċiżjoni.
3.3.2 L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali nfurmawna li r-responsabilita tad-dawl tat-toroq għandha tgħaddi f'idejn il-Kumitati Reġjonali. Għal dan il-għan, se jinbeda proċess sabiex jitfassal ftehim ġdid li jkun iffirmat mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u l-Kumitati Reġjonali. Ġejna nfurmati li sakemm isiru l-arranġamenti meħtieġa d-delega attwali se tibqa fis-seħħ u l-Kunsilli Lokali huma mitluba jibqgħu joffru dan is-servizz fil-lokalitajiet tagħhom.
3.3.3 Il-Kumitat Amministrattiv tax-Xlendi ser jorganizza logħob kompetittiv għaż-żgħażagħ għal-lokalitajiet tal-irħula tal-Munxar, Ta' Sannat, Xewkija, Ta' Kerċem, u il-Fontana, kemm fuq l-art kif ukoll fil-baħar. Il-Kumitat Amministrattiv tax-Xlendi qiegħed jitlob li lill-Kunsilli sabiex iħeggu grupp ta' 10 żgħażagħ bejn is-16 u 30 sena biex jidħlu għal-dawn


MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877 Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

il-logħob. Il-membri tal-Kunsill qablu li għandna nibgħatu avviż fid-djar sabiex ninfurmaw lir-residenti b'dan.

3.3.4 Ġejna nfurmati li bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-Jum Dinji għall-Ambjent, il-MEPA flimkien mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ser torganizza kompetizzjoni tat-Tpinġija għat-Tfal. It-tfal bejn l-etajiet ta' 8 u 12-il sena jistgħu jipparteċipaw billi jpinġu pjanta selvaġġa, annimal jew insett li jirrappreżenta lir-raħal li jgħixu ġo fih. 68 maskot se jintagħżlu sabiex isiru l-maskots uffiċjali tal-lokalita. Il-membri tal-Kunsill qablu li għandna ninfurmaw lir-residenti permess ta' avviż li jitqassam f'kull residenza.

## 4. OFFERTI

4.1 **FONQ 04/2011 - Twaqqiegħ u Bini tat-Tieni Fażi taċ-Ċentru Ċiviku**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li hu bgħat kopja tad-dokumenti tal-offerti sottomessi lil Perit imqabbad mill-Kunsill. Il-Perit għandu jipprepara rapport sabiex jigwida lill-Kunsill fid-deċiżjoni tiegħu.

4.2 **FONQ 03/2010 – Tindif u Manutenzjoni tal-Public Convenience**

Kif kien maqbul fil-laqgħa preċedenti, il-Kunsill talab parir mingħand id-Dipartiment għal Gvern Lokali sabiex jara kif għanda tiġi assenjati din l-offerta. Peress li kien għadna mingħajr risposta, il-membri tal-Kunsill qablu li għandna nsaqsu lid-Direttur tad-Dipartiment għal Gvern Lokali min hu responsabbli jekk il-*Public Convenience* ma tinfetaħx.

4.3 **FONT 04/2010: Patching bil-*Hot Asphalt* f'diversi toroq fil-Fontana**

L-avukat imqabbad mill-Kunsill verbalment ikkonferma lis-Sindku li l-offerta tista' tingħata lil Gatt Tarmac Ltd. Għaldaqstant, il-membri tal-Kunsill qablu li noqogħdu fuq il-parir tal-avukat.

4.4 Public Private Partnership – Dwar din l-offerta, il-membri tal-Kunsill qablu li għandna nerġgħu noħorġu l-offerta, mhux taħt din l-ismkema iżda bħala xogħol ta' *tarmac* mill-Kunsill peress li l-prezzijiet huma għoljien ħafna.

4.5 ***FONQ 05/2010 – Supply and Delivery of Street Lighting in Various Streets of Fontana***

Is-Sindku qal li jrid jinħatar bord skond ir-regolamenti tal-iskema ta' eko-Għawdex sabiex tiġi diskussa l-offerta hawn fuq imsemmija, li għaliha ġejna mwiegħda sa massimu ta' €16,482 taħt l-iskema ta' eko-Għawdex maħruġa mill-Ministeru għal Għawdex. Is-Sindku saqsa jekk il-membri tal-Kunsill riedux jagħmlu parti minn dan il-bord. Mill-membri preżenti l-Kunsillier Victor Cefai aċċetta li jagħmel parti minn dan il-bord. Għaldaqstant is-Sindku ppropona li l-bord għandu jkun magħmul minnu, mill-Kunsillier Victor Cefai, mill-Viċi Sindku Anthony Borg, u mill-


MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877 Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

Inginier Mario Galea. Peress li l-Viċi Sindku kien skużat, is-Segretarju Eżekuttiv għandu jistaqsi lill-Viċi Sindku jekk jaċċettax li joqgħod fil-bord. Il-membri tal-Kunsill qablu.

## 5. MANAGEMENT LETTER

Is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-Sindku ippreparaw il-*Management Letter*. Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-*Management Letter* u din ġiet approvata mill-membri tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jieħu ħsieb li jibgħat din l-ittra.

## 6. APPROVAZZJONI TA' KONTIJIET

Il-kontijiet mehmużin ma' dawn il-minuti ġew approvati mill-membri tal-Kunsill.

## 7. MATERJI OĦRA

7.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li:

7.1.1 Hu kien kellem lill-Ing Riolo u kkonfermalu li x-xogħol fuq it-trinka ta' quddiem il-Knisja ser isir f'Ottubru sabiex it-triq tax-Xlendi ma tingħalaqx fis-Sajf, dan peress li ntalab mill-Ministeru għal Għawdex. Hu nforma lis-Sindku li t-triq ser tissewwa temporanjament.

7.1.2 Għalkemm il-kumpanija Arriva neħħiet il-Bus Stops li kien hemm qabel, hi ma għamlietx Bus Stops oħra minflokhom. Għaldaqstant, għandna niktbu lil Transport Malta sabiex jagħmlu Bus Stops fejn kien hemm qabel.

7.1.3 Waħda mill-kundizzjonijiet li hemm taħt l-iskema ta' eko-Għawdex hi li għanda titwaħħal tabella li tindika li x-xogħol qiegħed isir bl-għajnuna tal-Ministeru għal Għawdex taħt l-iskema ta' eko-Għawdex. Għaldaqstant, is-Sindku ppropona li ngħidu lil Mr Signs sabiex jagħmel din it-tabella sabiex titwaħħal fi Pjazza l-Għejjun fejn ser tinbena replika tal-Għajn tal-Loġoġ. Il-membri tal-Kunsill qablu.

7.1.4 It-tabella *Cul de Sac* fi Triq Għajn Tuta twaħħlet, u nqata' l-ħaxix fi Trejqet Wara l-Idjar.

7.1.5 Għandna bżonn nixtru żebgħa tas-sinjali tat-traffiku.

7.1.6 Għamel rapport lill-Pulizija dwar vandaliżmu li sar fit-taraġ tal-*Playing field*.

7.1.7 Attenda laqgħa tal-Kumitat Reġjonali li saret fil-Banca Giuratale, *sede* tal-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria.

7.1.8 Attenda għal-quddiesa ta' radd il-ħajr fl-għeluq il-ħamsin sena bħala saċerdot ta' Dun Ġorġ Vella. Din saret fil-Knisja Parrokjali.

7.1.9 Saret is-sitt ħarġa soċjo-kulturali għal Sqallija. Żorna l-Belt ta' Caltagirone, Lago di Santa Rosalia, sar *shopping* f'kumpless kummerċjali f'Ragusa kif wkoll kelna l-ikla f'ċentru agri-turistiku. Attendew 31 persuna fosthom is-Sindku u l-Kunsillieri Victor Cefai u Horace Micallef. Waqt iż-żjara f'Caltagirone għamilna żjara lis-Sindku fl-uffiċċju tal-Comune, fejn ġiet preżentata replika tal-Għajn il-Kbira u ktejjeb dwar il-lokalita tal-


MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877 Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

Fontana mis-Sindku is-sur Saviour Borg. Is-Sindku ta' Coltagirone Prof. Francesco Pignataro pprezenta ktejjeb dwar iċ-ċeramika tal-post lis-Sindku Saviour Borg. Waqt iż-żjara f'din il-Belt ntweriet ix-xewqa li fil-ġranet tal-Milied jsir presepju ta' Caltagirone f'Għawdex. Is-Sindku u l-membri tal-Kunsill preżenti qablu li joffru s-Sala tal-Komunita għal dan il-għan. Is-Sindku ta' Caltagirone wera x-xewqa li jiġi jinawguraha.

7.1.10 Is-Sindku attenda għaċ-ċeremonja fl-okkażjoni tal-għeluq il-ħamsin sena mit-twaqqif tal-Kunsill Ċiviku li saret fl-arkivju nazzjonali t'Għawdex.

7.1.11 Is-Sindku fakkar lis-Segretarju Eżekuttiv biex ilesti r-Rapport Amministrattiv.

7.2 Is-Sindku ppropona li:

7.2.1 Għandha ssir tabella li "Merħba Fontana" sabiex titwaħħal fi Triq ix-Xlendi. Peress li l-Kunsill għandu *credit note* ta' madwar €200 mingħand il-Koptasin, is-Sindku ppropona li nitolbuhom stima. Il-membri tal-Kunsill qablu.

7.2.2 Nhar is-Sibt 23 ta' Lulju għandha ssir ħarġa soċjo-kulturali għar-residenti ġewwa ż-Żurrieq fl-okkażżjoni tal-festa tal-Madonna tal-Karmnu. Il-membri tal-Kunsill qablu.

7.2.3 Issir ħarġa għat-tfal ġewwa l-Splash and Fun. Il-membri tal-Kunsill qablu.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.00pm. Laqgħa oħra terġa ssir nhar il-Ġimgħa 12 t'Awissu 2011 fil-5.30pm fis-Sala tal-Komunita.

| | |
|---|---|
| Karl Vella | Saviour Borg |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |


MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877 Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt